## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. BRANDON LEE BARTOLO (KI. 268699M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**24/10/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat Brandon Lee Bartolo:

Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post ħawn imsemmi
Data u Ħin: **Nhar it 22/1/2019 ghal habta ta` 01:00hrs**

Post: **TRIQ HAL QORMI** Lokalita': **HAMRUN**

**(1) Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, kemm il-darba, ghall-uzu tal-vettura minnek jew min dik il-persuna l-ohra, skond il-kaz, ma tkunx issehh polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni** ( Kap 104 Artiklu 3 (1) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(4) Bhala persuna inti sirt recediv b`sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 25/9/2018 mill-MAGT.DR.F.DEPASQUALE LL.D liema sentenza saret definita u ma tistax tigi mibdula.** ( Kap 9 Artiklu 49, 50 )

**(5) Kellek fil-pussess tieghek, jew taht ir-risponsabbilta tieghek, vettura li ma gietx rregistrata ma l-Awtorita ghat-Transport f`Malta.** ( L.S. 368.02 Artiklu 3 )

**(6) Soqt l-imsemmija vettura waqt li kellha il hgieg jew windscreen tinted/skurat meta kien applikat xi kulur, film sustanza jew materjal iehor minghajr il permess specjali ta`l-Awtorita ghat-Trasport f`Malta** ( L.S. 65.11 Artiklu 110A (3)(4) )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 674 Nigel Mallia (*affidavit*), PC 250 Clayton Caruana Gould (*affidavit*), Stephen Cachia għan-nom ta' Transport Malta, Joseph Rivans għan-nom ta' Identita', Dr. Nadia Vella għan-nom ta' Mapfre Middlesea Insurance plc u tal-imputat innifsu.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. Qabel xejn jingħad illi fil-kors tal-proċeduri ġie allegat mid-difiża illi l-imputat ma kienx ċitat korrettament fl-okkju tal-komparixxi. Filfatt fil-komparixxi l-imputat ġie indikat bħala "Brandon Lee Grech". Kien għalhekk illi l-Qorti ordnat li jissejjaħ jixhed rappreżentant ta' Identity Malta, li iktar tard imbagħad saret magħrufha bħala Identita'. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023 xehed **Joseph Rivans** għan-nom ta' Identita' li spjega kif l-imputat kien kunjomu Grech iżda fit-3 ta' Jannar 2020 żar l-uffiċini tagħhom biex jgħarrafhom li huwa kien biddel kunjomu għal Bartolo u għalhekk sussegwentement inħarġitlu karta tal-identita' bl-informazzjoni aġġornata skond il-bidla li kienet ġiet insinwata skond il-liġi. Minn din l-informazzjoni u fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju huwa ċar għall-Qorti illi kemm fid-data tal-allegat reati u kemm fid-data ta' meta ġiet notifikat bil-komparixxi, l-imputat kien jismu Brandon Lee Grech bil-karta tal-identita' numru 268699M. Inoltre huwa inkontestat illi l-imputat li tħarrek huwa l-istess persuna illi skond il-Prosekuzzjoni wettaq ir-reati li qed jiġi mixli bihom. Huwa minnu illi għal xi raġuni l-Prosekuzzjoni baqgħet ma talbietx il-korrezzjoni appożita fil-komparixxi fl-istadju tal-provi tagħha. Madanakollu l-Qorti tqis illi meta fl-istess seduta, ossia dik tal-24 ta' Ottubru 2023, l-imputat irreġistra ammissjoni għat-tieni u s-sitt akkużi huwa kien effettivament qiegħed jissana kwalsiasi żball li seta' altrimenti jitqies li kien hemm fil-komparixxi billi neħħa kwalunkwe dubbju dwar l-identità tal-persuna illi kienet qed tiġi mixlija bil-bqija tal-imputazzjonijiet. Fuq kollox il-Qorti tqis illi l-komparixxi, bħala *avviso di comparire,* serviet il-funzjoni tagħha fis-sens illi l-imputat ġie avżat għal xiex kellu jirrispondi quddiem il-Qorti u ċertament m'huwiex il-każ illi huwa ġie ppreġudikat bil-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma talbietx il-korrezzjoni appożita **wara** li huwa biddel kunjomu fil-kors tal-proċediment. Lanqas ma hija prekluża l-Qorti milli tagħti s-sentenza fil-konfront tal-imputat bil-kunjom tiegħu korrett minkejja li l-komparixxi tindika l-kunjom antik tiegħu.

2. Fil-mertu, jirriżulta mill-*affidavits* ta' **<u>PS 674 Nigel Mallia</u>** u **<u>PC 250 Clayton Caruana Gould</u>** illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni l-imputat twaqqaf minnhom waqt li kien qed isuq il-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni GK62BFU stante illi inizjalment ma kienx qed jidher minħabba li l-ħġieġ tal-vettura kienu *tinted.* Mix-xhieda ta' **<u>Stephen Cachia</u>** in rappreżentanza ta' Transport Malta imbagħad irriżulta illi fid-data in kwistjoni l-vettura ma kienetx reġistrata mal-Awtorita' (din filfatt ġiet reġistrata fl-1 ta' Frar 2019) u l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan. Sussegwentement huwa akkwista liċenzja tas-sewqan fis-17 ta' Settembru 2019.

3. Kif ingħad fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2023 l-imputat irreġistrat ammissjoni għat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet. L-imputat għalhekk *inter alia* ammetta illi fid-data, ħin u lok in kwistjoni huwa kien qed isuq il-vettura in kwistjoni mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan.

4. Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, dik li kien qiegħed isuq mingħajr ma kellu fis-seħħ għall-użu ta' dik il-vettura minnu, polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, xehdet **<u>Dr. Nadia Vella</u>** għan-nom ta' Mapfre Middlesea Insurance plc u esebit kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li turi li fid-data in kwistjoni l-vettura kienet assigurata sabiex tinstaq mill-*policyholder* (ċertu Adrian Attard) u minn *"any driver aged 25 years and over driving on the Policyholder's order or permission".*

5. Il-posizzjoni ta' din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kienet dik illi fir-rigward tal-kopertura tat-terz ma' tagħmilx differenza jekk min kien qiegħed juża l-vettura għandux liċenzja tas-sewqan jew le, għandux inqas minn 25 sena jew le, jew jekk huwiex b'xi mod eskluż mill-kopertura tal-polza jew le, darba jirriżulta illi ikun hemm fis-seħħ polza ta' assigurazzjoni tal-vettura u dan għaliex it-terz ikun dejjem protett u

għalhekk f'dak il-każ ir-reat ravviżat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104 ma' jissustix[1] u semmai il-kwistjoni kienet tirrisolvi ruħha f'waħda ta' natura ċivili iżjed minn dik kriminali.

6. **Din il-pożizzjoni tal-Qorti bl-ebda mod ma' kienet tfisser, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess possibbilment b'mod qarrieqi fi bnadi oħra, illi l-Qorti riedet tibgħat messaġġ lill-pubbliku in ġenerali li kwalunkwe persuna tista' issuq kwalunkwe vettura basta li dik il-vettura tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Apparti li l-Qorti m'għandha l-ebda funzjoni li tibgħat messaġġi lill-pubbliku, dak li għamlet din il-Qorti kif presjeduta għal numru ta' snin kien biss illi tapplika interpretazzjoni li dehrilha hija loġika fiċ-ċirkustanzi (u li ġiet addottata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi oħra) u ċertament mhux li tħeġġeġ lil min m'għandux liċenzja tas-sewqan jew lil min għandu vettura mhux liċenzjata illi jsuq dik il-vettura! Min ikun f'dik is-sitwazzjoni m'għandux isuq kwalsiasi vettura mhux għax dik il-vettura ma' tkunx koperta jew le, iżda proprju għaliex l-individwu ma' jkollux liċenzja tas-sewqan jew ma' jkollux vettura li tkun liċenzjata!**

7. Bis-sentenzi riċenti u studjati tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) u ċioe dawk mogħtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mohamad Knaan (Appell Numru: 479 / 2022 CSH, 7 ta' Frar 2023)** u **Il-Pulizija v. Xemizin McKay (Appell Numru 423/2022 EG, 24 ta' Mejju 2023)**, il-posizzjoni li ttieħdet hija waħda differenti u dan fis-sens illi kwalunkwe sewwieq irid attivament jipprova illi ikun personalment kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni maħruġa għall-użu tal-vettura altrimenti ikun ħati tar-reat ipotizzat taħt l-Art. 3(1) tal-Kap. 104. Din il-Qorti, għalkemm mhijiex marbuta illi ssegwi kwalsiasi linja ta' sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Appell, tqis li jkun għaqli u fl-interess tal-ġustizzja li jkun hemm uniformita' fis-sentenzi u għalhekk hija tara li għandha ssegwi ukoll u tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fuq din il-materja.

---

[1] Din hija posizzjoni li ġiet abbraċjata ukoll mill-Qrati tagħna f'diversi istanzi fil-passat inkluż per eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Emanuel Zarb** (App. Nru. 329:2010:MM, 26 ta' Marzu, 2015)

8. Issa f'din il-kawża jirriżulta illi fid-data tal-allegat reat l-imputat ma kellux liċenzja tas-sewqan u għalhekk ma' kienx kopert taħt il-polza tal-assigurazzjoni in kwistjoni. Din l-ewwel imputazzjoni għalhekk tirriżulta li ġiet ppruvata.

9. Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, dik li l-imputat saq vettura mingħajr ma din kienet liċenzjata, din ukoll tirriżulta ppruvata stante illi kif xehed **<u>Stephen Cachia</u>** il-vettura in kwistjoni ġiet reġistrata mal-Awtorita' fl-1 ta' Frar 2019 u ċioe ftit aktar minn ġimgħa wara l-allegat reati. Huwa **<u>biss</u>** fir-rigward ta' vettura li tkun ġiet reġistrata mal-Awtorita' li l-istess Awtorita' tista' sussegwentement toħroġ liċenzja ta' ċirkulazzjoni. In-nuqqas ta' reġistrazzjoni għalhekk tfisser illi fid-data in kwistjoni l-imputat kien qiegħed isuq vettura li ma kienetx liċenzjata sabiex tintuża fit-toroq Maltin.

10. Ironikament madanakollu il-ħames imputazzjoni, ċioe dik iktar speċifika illi l-imputat kellu fil-pussess tiegħu jew taħt ir-responsabiltà tiegħu vettura li ma kienetx reġistrata mal-Awtorita' ma tistax tirriżulta. L-Art. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 jipprovdi kif ġej:

> **'3. Ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata mal-Awtorità sakemm -**
>
> **(a) dik il-persuna ma tkunx il-manifattur awtorizzat, aġent jew negozjant tal-vetturi bil-mutur u li l-vettura fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha ma tkunx qed tiġi użata fit-triq, jew**
>
> **(b) il-vettura ma tkunx soġġetta għal eżenzjoni taħt l-Att; jew**
>
> **(ċ) il-vettura hija reġistrata f'pajjiż ieħor u hija użata minn persuna li għandha r-residenza normali tagħha f'Malta għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin ġurnata kalendarja konsekuttiva li jibdew jgħoddu mid-data tal-wasla ta' dik il-vettura f'Malta u dik il-vettura ma tkunx ġiet użata fit-triq f'Malta matul l-aħħar tliet mija u ħamsa u sittin ġurnata qabel il-wasla tagħha f'Malta.'**

11. L-ebda prova ma tressqet illi għandhom japplikaw xi waħda mill-esenzjonijiet imsemmija taħt l-Art. 3(a), (b) jew (c). Madanakollu l-Qorti tirrileva illi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 ma tipprovdiex għal sanzjoni speċifika għal reat taħt dan l-artikolu tal-liġi. L-eqreb sanzjoni tidher li hija dik stabbilita taħt l-Art. 44(7)(a) tal-istess liġi li tapplika għas-sewqan ta' vettura meta din ma jkolliex liċenzja għal sewqan fit-triq. Il-Qorti tqis però illi l-obbligu ta' persuna li jkun fil-pussess ta' vettura li jara li din tkun reġistrata ma' Transport Malta taħt l-Art. 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 m'huwiex l-istess obbligu ta' persuna li għandu jiżgura li ma jsuqx vettura li ma tkunx liċenzjata sabiex tinstaq fit-triq taħt l-Art. 44(7)(a) tal-istess liġi. Dan jingħad għaliex ir-reġistrazzjoni ta' vettura mal-Awtorita' huwa obbligu ta' darba li għandu javvera ruħu (salv għal ċerti eċċezzjonijiet) mal-wasla tal-vettura f'Malta, mentri l-liċenzjar ta' vettura huwa obbligazzjoni ta kull sena. Vettura tista' tkun reġistrata iżda mhux liċenzjata biex tinstaq fit-triq jekk din ikollha liċenzja skaduta. Madanakollu vettura li tkun liċenzjata biex tinstaq fit-triq bilfors tkun ġiet reġistrata mal-Awtorita'. Inoltre l-Art. 44(7)(a) jirrikjedi l-element tas-sewqan – xi ħaġa li tapplika f'dan il-każ – mentri l-Art. 3 jirriferi għal min ikollu l-pussess ta' vettura jew min ikollu vettura taħt ir-responsabiltà tiegħu. Fi kwalunkwe każ, anke li kieku setgħet tapplika l-piena taħt l-Art. 44(7)(a) tal-L.S. 368.02, il-Qorti xorta waħda kienet tkun tenuta ma timponiex il-piena applikabbli. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[2], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. Piena oħra li setgħet tkun applikabbli hija dik li jipprovdi għaliha l-leġislatur fl-Art. 21(1)(a) tal-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta:

**'21. (1) Kull min**

**(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew**

---

[2] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

**ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att ...**

**ikun ħati ta' reat u meta jinstab ħati jeħel multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, <u>skont liema tkun l-aktar</u>, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.'**

Il-Qorti tqis però illi sabiex tkun tista' tapplika waħda mill-pieni erogabbli taħt dan l-artikolu tal-liġi hija tirrikjedi li jkollha quddiemha provi ta' dak l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni li jkun ġie perikolat. Din il-prova hija mankanti u għalhekk lanqas din il-piena ma tista' tiġi applikata mill-Qorti.

12. Għalhekk filwaqt li rriżulta illi l-imputat tabilħaqq kien qiegħed isuq u għalhekk kellu fil-pussess tiegħu vettura li ma kienetx reġistrata mal-Awtorita', din il-ħames imputazzjoni ma tistax tirriżulta.

13. Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ċioe l-addebitu tar-reċidiva, ġiet ippreżentata vera kopja tas-sentenza mogħtija fil-konfront ta' ċertu Brandon Lee Grech minn din il-Qorti fil-25 ta' Settembru 2018. Din is-sentenza ma turix il-konnotati u għalhekk minnha nfusha ma tikkonsistix fi prova ammissibbli illi nħarġet fil-konfront tal-imputat. Inoltre lanqas ma ġie ippruvat illi s-sentenza għaddiet in ġudikat jew illi l-multa imposta kienet tħallset qabel id-data tal-allegat reati. Għalhekk din l-imputazzjoni ma tirriżultax pruvata għall-finijiet tal-Art. 50 tal-Kap. 9.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan), l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 (sewqan ta' vettura li ma tkunx liċenzjata) u l-Art. 110A tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru**

**erba' u ħamsa, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tnejn, tlieta u sitta (bit-tieni u s-sitt waħda fuq ammissjoni tiegħu stess) miġjuba kontrih u tikkundannah iħallas multa fl-ammont totali ta' elfejn u ħames mitt euro (€ 2,500). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien tnax-il xahar u sittax-il ġurnata.**

**V.G. Axiak** — **Y.M. Pace**

**Maġistrat** — **Dep. Reġistratur**